KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

| **Ref: Seduta 01_06-07-09 VI** |
|---|

## MINUTI TA' L-EWWEL SEDUTA

**L-ewwel seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet it-Tnejn **6 ta' Lulju, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves (Bobby) Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fil-17:40 b'din l-agenda:

1. Introduzzjoni
2. Aċċettazjoni tal-kariga tas-Sindku
3. Aċċettazzjoni tal-kariga tal-Viċi Sindku
4. Dekasteri lill-kunsilliera
5. Ftehim dwar il-kalendarju annwali tal-kunsill

**1. Introduzzjoni**

Il-kunsillier E. Cuschieri introduċa l-ewwel seduta bħala l-aktar kunsillier anzjan. Il-kunsillier E. Cuschieri qal li l-kunsill għandu jimxi bħala tim wieħed u ma jkunx hemm differenzi.

**2. Aċċettazzjoni tal-kariga tas-Sindku**

Il-kunsillier E. Cuschieri staqsa lill-kunsillier N. Dimech jaċċettax l-kariga ta' Sindku. Is-Sur Dimech aċċetta din il-kariga.


Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

**3. Aċċettazzjoni tal-kariga tal-Viċi Sindku**

Is-Sindku N. Dimech staqsa lill-kunsilliera J. Gonzi taċċettax il-kariga ta' viċi sindku. Dr J. Gonzi aċċettat din il-kariga.

**4. Dekasteri lill-kunsilliera**

4.1 Is-Sindku N. Dimech talab biex il-kunsill jimxi id f'id għal ġid ta' Tas-Sliema, u nkomplu fejn ħalla l-kunsill ta' qabel.

4.2 Is-sindku qassam kopja tad-dekasteri tal-kunsilliera 'Doc 'A' lil kull membru tal-kunsill għall-informazzjoni tagħhom.

4.3 Is-Sindku N.Dimech issuġġerixxa li l-kunsill għandu jieħu azzjoni fuq ċertu korrispondenza bħal permessi u affarijiet minimi, biex ċertu affarijiet ma jkollhomx għalfejn jistennew xahar biex jiġu diskussi f'seduta oħra. Dan għandu jsir billi tintbagħat email lill-kunsilliera kollha fejn għandha tintbagħat risposta min-naħa tal-kunsilliera fiż-żmien tliet ijiem. F'każ li ma tintbagħatx ir-risposta, ir-risposta tkun li l-kunsillier jaqbel mal-korrispondenza. Il-kunsilliera unanimament qablu ma' din id-deċiżjoni.

4.4 Is-sindku N. Dimech informa lill-membri kollha li għalkemm kull kunsillier għandu jżomm ir-responsabilitajiet xorta waħda jkun jista jattendi għall-laqgħat kollha, anzi stqarr li jkun aħjar ħalli jkun hemm aktar support.

4.5 Il-kunsilliera M. Aquilina ġibdet l-attenzjoni li kull deċiżjoni trid tittieħed mill-kunsill waqt is-seduta tal-kunsill u mhux kulħadd jimxi għar-rasu.

4.6 Is-Sindku N. Dimech qal li jixtieq jerġa jintroduċi id-dwal ta' mas-siġar matul il-promenade.

4.7 Is-Sindku N. Dimech informa li fis-seduta li jmiss se jiġu diskussi s-sotto kumitati.

**5. Ftehim dwar il-kalendarju annwali tal-kunsill**

5.1 Il-kunsill qabel li s-seduta għandha ssir kull tielet Erbgħa ta' kull xahar fil-5.30pm.

5.2 l-kunsill qabel li għal ġimgħa ta' Santa Marija (bejn it-12 u it-18 ta' Awissu, 2009) ma jingħatawx permessi għal kostruzzjoni u għeluq tat-toroq. Jingħataw biss għal *lifters/high up* għal min irid itella xi għamara, mingħajr ma tingħalaq it-triq.

5.3 Il-viċi sindku issuġġeriet li l-kunsill għandu jiltaqa' mar-residenti billi jinqassmu permess ta' żoni, biex ir-residenti iħosshom aktar viċin tal-kunsill. Il-kunsillier M. Debono qal li l-aħħar kunsill dejjem involva lir-residenti kull darba li kien hemm bżonn.

5.4 Is-sindku N. Dimech qal li li l-kunsill għandu jagħmel pjan ta' xogħlijiet għal erba snin sħaħ fejn jiġi ppubblikat fuq il-magazin. Il-kunsill qabel ma dan.

5.5 Il-kunsilliera ġew infurmati li l-agenda u l-minuti se jibdew jintbagħtu permezz ta' email qabel kull seduta.

Is-seduta ntemmet fis-7.15pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju, 2009 fil-5.30pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

Attachments can contain viruses that may harm your computer. Attachments may not display correctly.

**Sliema Local Council at DLG**

**From:** Sliema Local Council at DLG **Sent:** Fri 10/07/2009 02:33 PM

**To:** marianne.aquilina@hotmail.com; sandra47@onvol.net; YVES BOBBY CALI (bcaim@maltanet.net); Edward Cuschieri ; NICOLAI GAUCI (nicolai_gauci@hotmail.com); mdebono@waldonet.net.mt; galeafam01@onvol.net; nikki@dimechvella.com; Engerer Cyrus at OPM (cyrus.engerer@gov.mt); PATRICK PACE (patrickpace1@gmail.com); johanna gonzi (gonzij@maltanet.net)

**Cc:**

**Subject:** AGENDA, MINUTES AND SCHEDULE OF PAYMENTS

**Attachments:** seduta numru01 06 07 09.pdf(15KB) seduta 2 150709.pdf(4MB) Seduta Nru 02 150709.pdf (428KB)

Dear Councillors,

Attached please find the agenda, minutes and schedule of payments for our next Council meeting of 15/07/2009 at 5.30pm.

Thanks and Nice W/End

Stef